KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 29_Ad Hoc29-02-08** V

# MINUTI TAD-DISA U GĦOXRIN SEDUTA

**Id-disa u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **il-Ġimgħa 29 ta' Frar 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skuzat** | **Michael Briguglio** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fis-14.00 b'din l-agenda: Il-programm 'Il-Ħadd fuq TVM'.

1.1 Is-sindku fetħet il-laqgħa billi tat spjegazzjoni tas-sekwenza ta' kif ġraw l-affarjiet.

1.2 Prezenti kien hemm l-avukat tal-kunsill Dr Gatt fejn spjega l-pożizzjoni legali tal-kunsill.

1.3 Is-sindku talbet l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex tiġi sospiża l-laqgħa biex b'hekk ikunu jistgħu jagħtu spjegazzjoni l-organizzaturi tal-programm li kienu preżenti. Il-votazzjoni kienet 6 Favur, Is-Sindku M. Arrigo, il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera N. Dimech, J. Galea, M. A. Azzopardi u L. Vella 0 Kontra, 2 Astensjonijiet, il-kunsilliera M. Debono u M. Aquilina.

*Seduta ġiet sospiża sabiex isiru l-ispjegazzjonijiet u kien hemm diskussjoni sħiħa.*



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

*Il-kunsillier J Galea kien skużat fit-3.10p.m. milli jkompli jattendi l-laqgħa*

1.4 Is-sindku pproponiet li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir il-programm minħabba l-fatt li kif ċarament kien ġie spjegat dan huwa program kulturali liema program se jittella minn quddiem il-knisja tan-Nazzarenu u l-kumplament jixxandar minn Ġnien Indipendenza. Il-kunsilliera L Vella u N Dimech ssekondaw.

F'dan il-ħin il-kunsilliera M. Debono u l-kunsilliera M. Aquilina ħarġu mis-seduta fil-3.45pm.

Kien hemm 5 favur 0 Kontra 0 Astensjonijiet

*Il-kunsillier M Aquilina reġgħet daħlet għall-laqgħa fil-3.48 p.m.*

2.1 Is-sindku rrimarkat li għalkemm din ma kienitx fuq l-agenda, xtaqet li tiddiskuti mal-Kunsill korrispondenza dwar il-parkeġġ fi Triq il-Kbira, li l-Kunsill kien għadu kif irċieva ftit ħin qabel din l-istess laqgħa. Din kienet mingħand l-avukat ta' AX Holdings fejn kien hemm ittra mibgħuta mill-istess avukat, kif ukoll ittra li kienet intbagħtet minn *senior enforcement officer* fil-MEPA lis-sur Angelo Xuereb fejn tagħtu ħmistax-il ġurnata biex jirranġa s-sitwazzjoni.

*Il-kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata fil-3.55 p.m. u qalet li hija kienet se taqbel mad-deċiżjoni li se jkun qiegħed jieħu l-kunsill fuq dan is-suggett.*

2.2 Kien hemm qbil unanimu li l-marki tal-Un/Loading bay kif ukoll il-marki sofor li kienu ghadhom kif saru quddiem il-lukanda The Palace jitneħħew b'effett immedjat u li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji mil-kunsill biex din is-sitwazzjoni ma terġax tirrepeti ruħha u dan fid-dawl tal-laqgħat kollha li saru ma l-ADT fuq dan is-suġġett. Il-Kunsill kif kien diġa iddeċieda fil-passat iddeċieda li għandhom jerġgħu isiru l-*parking bays* għall-ġid tar-residenti. L-avukat tal-Kunsill għandu jikteb lill-ADT fejn jistaqsi l-istess Awtorita' biex jieħdu passi legali kontra dawn il-marki li saru b'mod illegali. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu joħroġ stqarrija għall-istampa f'din il-ġurnata stess.

Il-laqgħa spiċċat fil-5p.m.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**